## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2015 – CSF vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-337/13)** [1]

***("Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Direttiva 2006/42/KE — Makkinarju li jġib il-marka 'CE' — Rekwiżiti essenzjali ta' sigurtà — Riskji għas-sigurtà tal-persuni — Klawżola ta' salvagwardja — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara ġġustifikata miżura nazzjonali ta' projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq — Kundizzjonijiet li jirregolaw l-implementazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament")***

(2015/C 302/61)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* CSF Srl (Grumolo delle Abbadesse, l-Italja) (rappreżentanti: R. Santoro, S. Armellini u R. Bugaro, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Zavvos, aġent, assistit minn M. Pappalardo, avukat)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: inizjalment minn V. Pasternak Jørgensen u M. Wolff, sussegwentement minn M. Wolff, C. Thorning, U. Melgaard u N. Lyshøj, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/173/UE, tat-8 ta' April 2013, dwar miżura adottata mid-Danimarka skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprojbixxi tip ta' makkinarju multifunzjonali li jintuża għat-tħaffir u l-ġarr ta' materjal (ĠU L 101, p. 29).

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *CSF Srl għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' dan ir-rikors u tal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

3) *Ir-Renju tad-Danimarka għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

[1] ĠU C 233, 10.08.2013.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2015 – TVR Automotive vs UASI – TVR Italia (TVR ITALIA)

**(Kawża T-398/13)** [1]

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva TVR ITALIA — Trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali preċedenti TVR — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Proċedimenti ta' revoka — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 — Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009"]***

(2015/C 302/62)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* TVR Automotive Ltd (Whiteley, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)